# ID-*DEFICIT* AMBJENTALI:
# RIFORMA TAL-MEPA U TA' AWTORITAJIET REGOLATORJI OĦRA DWAR L-AMBJENT

## RAPPORT FIL-QOSOR

### Daħla

F'dawn l-aħħar snin, il-gvern ħa ħsieb id-*deficit* ekonomiku tal-pajjiż b'mod ta' min ifaħħru. Iżda d-*deficit* ambjentali ippersista mingħajr kontroll u kull ma jmur qed jikber. F'ħafna każi importanti l-ambjent sar agħar.

### L-għan

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li neżaminaw il-qagħda attwali ta' l-ambjent Malti u nagħmlu rakkomandazzjonijiet biex jonqos id-*deficit* ambjentali billi ntejjbu l-mod li huwa regolat.

### L-ekonomija u l-ambjent (6-12)*

Żvilupp ekonomiku sostenibbli jiddependi fuq bilanċ bejn ir-riżorsi ekonomiċi u l-ambjent. It-tkabbir ekonomiku waħdu mingħajr ambjent sostenibbli u żvilupp soċjali ma jissarrafx f'progress.

L-ambjent ser jibbenefika l-aktar mill-parti kbira mill-allokazzjoni lil Malta mill-Fondi Strutturali tal-UE (*EU Structural and Cohesion Funds)* sas-sena 2013. Għalhekk hu essenzjali li l-ambjent ikun regolat u kontrollat b'mod effiċjenti u li jagħti l-aħjar riżultat għall-flus li jintefqu.

In-nuqqasijiet fl-istat ambjentali tal-gżejjer Maltin hu dokumentat sew u ġej minn żvilupp żejjed u użu ħażin ta' l-art, arja mniġġsa u kwalità ħażina ta' ilma u baħar max-xtut u bio-diversità traskurata. In-nuqqasijiet huma istituzzjonali, strutturali, regolatorji u amministrattivi. Biex isir titjib effettiv dawn irridu nieħdu ħsiebhom flimkien b'mod kordinat.

### Ir-resposabbiltajiet ministerjali ġodda għall-ambjent (20-30)

Wara li jiġu ċċarati xi oqsma ta' responsabbiltà li mhumiex ċari biżżejjed, it-tqassim ta' responsabbiltajiet dwar l-ambjent bejn il-ministeri jidher li jagħmel sens u jista' jitħaddem. Ipoġġi r-responsabbiltà għall-ambjent f'idejn "Ministru Suprem" – il-Prim Ministru – filwaqt li elementi oħra ta' riżorsi, proġetti nazzjonali importanti u affarijiet rurali li b'mod dirett jeffettwaw l-istat ta' l-ambjent, f'żewġ ministeri ewlenija: il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u l-Ministeru għall-Komunikazzjonijiet u Proġetti Nazzjonali.

Ikun hemm bżonn ta' kordinazzjoni qawwija minn Kumitat tal-Kabinett immexxi b'mod sod mill-Prim Ministru biex tressaq iż-żewġ Ministeri direttament konċernati kif ukoll kull min għandu x'jaqsam f'ministeri oħra bħat-turiżmu, kultura, Għawdex, saħħa u finanzi fil-proċess li tiġi formulata l-*policy.*

Huwa essenzjali li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru jkollu l-impjegati u l-istrutturi biex jaqdi l-funzjoni li jipprepara pjan kordinat bejn il-ministeri kollha u bl-awtorità li jħabbat dawk konċernati ras ma' ras, li jiddeċiedi l-prijoritajiet u juża r-riżorsi bl-aħjar mod possibbli.

Minħabba l-ħtiġijiet u dettalji dwar materji ambjentali fil-livell ta' l-UE ikun il-każ li l-aspett importanti ta' dan ix-xogħol jingħata li wieħed mis-Segretarji Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, possibilment jingħaqad mat-turiżmu.

** In-numri fil-parentesi jirreferu għall-paragrafi rilevanti fir-Rapport.*

## Ir-riforma tal-MEPA (31-121)

Ir-regolatur predominanti fil-qasam ta' l-ambjent hija l-MEPA. Bis-saħħa tar-responsabbiltajiet vasti u l-involviment tagħha kważi f'kull aspett ta' l-ambjent, probabilment il-MEPA teżerċita l-akbar influwenza fuq il-kwalità ta' l-ambjent f'Malta. Jekk il-MEPA ma tiffunzjonax b'mod effiċjenti l-effetti ħżiena jinħassu minn kulħadd.

Jekk il-pożizzjoni kruċjali li għandha l-MEPA bħala l-protettur ewlieni f'Malta kontra l-abbuż mill-art irridu nsaħħuha, ir-riforma fil-MEPA trid tiffoka fuq tlett oqsma: l-istruttura tal-MEPA; il-kompożizzjoni u l-għażla tal-Bordijiet u Kummissjonijiet; is-sistemi u proċeduri tagħha maħsuba biex jiżguraw trasparenza, effettività u kontabilità. Ir-riforma trid tieħu konsiderazzjoni tal-bidliet meħtieġa f'dawn it-tlett oqsma relatati flimkien mal-bidliet rilevanti fil-leġiżlazzjoni biex insaħħuhom.

## L-istruttura tal-MEPA (38-46)

Tqanqlu mistoqsijiet dwar il-konċentrazzjoni ta' l-ippjanar ta' żvilupp u l-ħarsien ta' l-ambjent fi struttura waħda. Kien hemm min ta l-parir li ż-żewġ funzjonijiet għandhom jinqasmu mill-gdid, b'awtorità għall-ippjanar u aġenzija għall-ħarsien ta' l-ambjent separati.

Wasalna għall-konklużjoni li wara li tqis kollox l-organizazzjoni kif inhi llum għandha vantaġġi sinjifikanti. Jekk tifred iż-żewġ funzjonijiet ittellef il-ħtieġa ta' komunikazzjoni u kordinazzjoni bejn iż-żewġ partijiet ta' l-istess problema fuq suġġetti ta' interess komuni. Hemm il-bżonn li ż-żewġ partijiet ikunu jistgħu jikkordinaw l-ippjanar tagħhom flimkien. Ikun l-aħjar li dan jitwettaq taħt saqaf wieħed (idejalment fl-istess bini) immexxija u sorveljati mill-istess ġerarkija.

Issa l-akbar sfida hija li l-organizzazzjoni integrata taħdem aħjar billi d-Direttorat ta' l-Ambjent jingħata r-riżorsi umani u finanzjarji biex iwettaq xogħolu tajjeb u jiżgura li leħnu jinstema' fid-deliberazzjonijiet tal-MEPA. Irid jingħata leħen komparabbli u daqs dak tad-Direttorat ta' l-Ippjanar fuq kwistjonijiet ta' ippjanar ta' żvilupp, kemm billi din tidħol amministrattivament fir-regolamenti tal-MEPA u wkoll b'bidliet meħtieġa fil-liġi.

Iżda rridu nikkunsidraw problema strutturali importanti oħra. Ir-rapport jikkontesta l-ħtieġa li jkun hemm Chairman *part-time* kif ukoll Direttur Ġenerali. Huwa rakkomandat li fil-futur għal raġunijiet ta' kontabilità, tmexxija u organizzazzjoni aħjar tal-MEPA, jinħatar Executive Chairman *full-time* wieħed. Ikun hemm bżonn ta' bdil fl-Att dwar l-Ippjanar ta' Żvilupp biex jirrifletti l-arranġamenti strutturali ġodda.

Hemm bżonn titjib fil-kompożizzjoni u għażla tal-membri tal-Bordijiet u Kummissjonijiet tal-MEPA biex niżguraw li kemm jista' jkun kull possibilità ta' konflitt ta' interess titneħħa u li l-Bordijiet u Kummissjonijiet ikollhom membri li jirrappreżentaw aktar lis-soċjetà ċivili kollha kemm hi.

## Kompożizzjoni u għażla tal-Bordijiet u Kummissjonijiet (41-73)

Ir-rapport ipprova jsib mezzi ta' kif innaqqsu l-konflitti ta' interess mingħajr ma nnaqqsu l-ħtieġa ta' kompetenza teknika, filwaqt li niżguraw li d-deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu kompletament korretti. Il-għan kien li naċċertaw li min hu responsabbli li jieħu deċiżjonijiet ikun jista' jagħmel hekk bl-aktar mod oġġettiv u mparzjali, iggwidat għall-konklużjoni tajba minn pariri professjonali u b'qafas legali li kemm jista' jkun ma jippermettix interpretazzjonijiet differenti.

Għaldaqstant hu **rakkomandat** li:

Il-5 uffiċjali pubbliċi u 2 Membri Parlamentari ma jibqgħux jiffurmaw parti mill-Bord iżda uffiċjal pubbliku wieħed jibqa' fil-Bord biex jirrappreżenta lill-gvern.

L-għadd ta' membri tal-Bord tal-MEPA jonqos minn bejn tlettax u ħmistax kif inhu llum għal 9 membri.

Il-Prim Ministru jagħżel il-persuni proposti għall-postijiet ta' Executive Chairman u Chairmen tal-Kummissjonijiet. Il-Prim Ministru jaħtarhom biss wara li jikkonsulta u jsir qbil mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Jekk ma jkunx hemm qbil fuq il-kandidati proposti, il-pubbliku għandu jingħata r-raġunijiet għall-oġġezzjonijiet. Wara, il-President ta' Malta jiġi mistieden biex jirrisolvi l-problema.

Il-membri l-oħra tal-Bord, li jinkludu d-Deputy Chairman, għandhom jiġu nominati minn firxa ta' entitajiet tas-soċjetà ċivili li jkopru l-ippjanar fiżiku, żvilupp ekonomiku, affarijiet soċjali u tal-komunità u l-protezzjoni u l-promozzjoni ta' l-ambjent u l-wirt kulturali msemmija f'paragrafu 65 tar-rapport. Iridu jkunu persuni ta' integrità u ġudizzju tajjeb skond il-kriterji f'paragrafu 62 tar-rapport.

Il-Prim Ministru għandu jkollu s-setgħa li jikkunsidra u jekk ikun meħtieġ jirrifjuta persuni nominati minn dawn l-entitajiet.

Il-Prim Ministru għandu jressaq l-ismijiet tat-tmien membri l-oħra tal-Bord lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp għall-konsiderazzjoni u approvazzjoni.

L-Artikolu 3 ta' l-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp jiġi amendat biex jipprovdi għal dan il-bdil.

Il-membri tat-tlett Kummissjonijiet għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp u tal-Bord ta' l-Appelli ta' l-Ippjanar jintgħażlu mill-istess entitajiet fuq il-Bord tal-MEPA, bil-kundizzjoni li żewġ membri fuq kull Kummissjoni jimtlew speċifikament wieħed mill-Kamra tal-Periti u l-ieħor mill-*NGO* għall-wirt kulturali jew l-ambjent. In-nomini għall-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar għandhom jinkludu wkoll persuna nominata mill-Kamra ta' l-Avukati.

In-nominazzjonijiet iridu jgħaddu mill-istess proċess ta' verifika u sigurtà mill-Kumitat Permanenti Parlamentari dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp bħal fil-każ tal-Bord tal-MEPA.

L-Artikolu 17B ta' l-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp għandu jiġi amendat biex jirrifletti l-bdil imsemmi.

Biex niżguraw li l-membri tal-Bordijiet u Kummissjonijiet jirċievu pariri tekniċi oġġettivi, **hu rakkomandat** li jekk il-Bord iħoss li hu meħtieġ, il-parir ta' l-uffiċjali professjonali tal-MEPA jkun imsaħħaħ minn professjonisti kwalifikati fl-ippjanar imqabbda b'kuntratt fuq bażi *full-time* speċifikament biex jagħtu pariri tekniċi lill-Bordijiet u Kummissjonijiet speċifiċi. Matul l-impieg tagħhom mal-Bordijiet u Kummissjonijiet ma jitħallewx jeżerċitaw il-prattika privata.

**Hu rakkomandat** ukoll li jiġi ntrodott l-iskrutinju Parlamentari ta' l-effettività u effiċjenza ta' l-operat tal-MEPA u li l-funzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp tinbidel biex tipprovdi għal dan. Il-Kumitat Permanenti għandu jirċievi formalment ir-rapporti ta' l-Awditur tal-MEPA. L-Artikolu 17B jinbidel biex jagħti effett lil dan.

## Is-sistemi u proċeduri tal-MEPA (74-121)

Hemm ukoll il-ħtieġa li l-proċeduri u sistemi li għandhom isegwu l-Bord tal-MEPA, it-tlett Kummissjonijiet għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp u l-Bordijiet għall-Appelli ta' l-Ippjanar jitjiebu f'ħafna oqsma biex jingħalqu dawk it-toqob li wasslu għall-abbuż u biex nilqgħu għall-kritika li nisimgħu ta' spiss li l-MEPA tiffavorixxi lill-iżviluppatur il-kbir b'detriment għaċ-ċittadini komuni.

Għaldaqstant **hu rakkomandat** li jsir titjib f'għadd ta' oqsma:

Hemm bżonn li l-proċess tal-EIA jitpoġġa fuq bażi tajba.

L-EIA ma għandhomx jitwarrbu sakemm il-konsultazzjoni pubblika ma tkunx ġiet eżawrita.

Ir-regoli tad-Direttiva ta' l-UE dwar fejn hemm bżonn EIA fuq il-proġetti kbar kollha għandna nosservawhom b'mod strett. Fejn ikun hemm dubbju dwar iridx isir EIA jew le, il-MEPA għandha tmur favur min ikollu nteress u mhux l-iżviluppatur billi teżiġi li xorta jsir l-EIA'

L-"impatt soċjali" għandu jifforma parti intrinsika mill-proċess tal-EIA.

It-tmexxija tal-laqgħat tal-Bord, il-proċeduri ta' l-appelli, l-aċċess għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni pubblika għandhom isiru b'mod trasparenti u korrett billi jiġu osservati l-proposti rakkomandati fil-paragrafi 67 sa 73 tar-rapport.

L-abbuż mit-toqob fir-regoli dwar iż-Żoni ta' Żvilupp Barra l-Limiti (ODZ) għandu jinqata' billi jingħalqu t-toqob kif rakkomandat f'paragrafi 74 sa 76.

Il-MEPA għandha tħejji dokument ta' *policy* ġdida li tagħti livell ta' protezzjoni bażika lill-bini storiku jew ta' valur arkitettoniku barra l-UCAs li ma ġiex skjedat.

Il-prattika tal-MEPA li toħroġ permessi bil-*proviso* legali *saving third party rights* tiġi riveduta.

Għal dik li hi estetika, il-MEPA għandha tieħu l-inizjattiva billi ssegwi l-proposti tal-Kamra tal-Periti fir-rapport *The Urban Challenge* u b'hekk twassal għal *standards* ogħla ta' disinn u estetika.

Għandu jitwaqqaf Kumitat ta' l-Estetika u jingħata inkarigu wiesgħa li jirregola suġġetti ta' ippjanar li jirrigwardaw disinn tajjeb u arkitettura.

Għandha tiżdied l-influwenza effettiva tal-Kumitati *(Advisory Committees)* li jagħtu pariri lill-Awtorità ta' l-Ippjanar. Il-pariri ma għandhomx biss jintalbu iżda jiġu segwiti.

Il-*policies* tal-MEPA dwar l-iżvilupp ta' l-ippjanar għandhom jintużaw biex jinfluwenzaw u jimmiraw lejn l-għadd żejjed ta' djar li hawn bħalissa bl-għan li dawn jonqsu. Għandha ssir reviżjoni tal-*policies* riċenti biex jiżdied l-għoli tal-bini f'Malta kollha bil-għan li dawn jitreġġgħu lura. Il-*policy* dwar il-bini għoli (h*igh-rise)* għandha tiġi riveduta. Il-lokalitajiet urbani li għandhom jiġu mħarsa (UCAs) irridu nipproteġuhom biex nevitaw il-bini ta' blokki ta' appartamenti għolja maġenb eżatt dawn il-lokalitajiet għax dawn jiddominawhom u jfixklu l-karattru tagħhom. Għandna nħarsu b'mod attiv l-ispazji urbani f'lokalitajiet protetti.

Il-karattru u kultura tal-MEPA trid tinbidel biex l-attenzjoni ċentrali tkun diretta fuq il-bini u l-konservazzjoni ta' l-art u l-ħarsien ta' l-ambjent.

Ir-reviżjoni tal-Liġi tal-Kera li ilna nistennew għal żmien twil trid issir bil-ħeffa.

Ix-xtut iridu jinżammu liberi minn aktar żvilupp. Malta għandha tosserva rigorożament l-impenn tagħha għal *Integrated Coastal Zone Management* bħala parti mill-Konvenzjoni ta' Barcelona.

L-aċċess għall-kampanja għandna nżommuh liberu tassew.

Iridu jiżdiedu l-miżuri biex inħarsu l-biodiversità ta' Malta li hija fil-periklu, u n-natura. Hemm bżonn nintroduċu l-immaniġġjar ta' siti *Natura 2000*.

Hemm bżonn ta' kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn il-MEPA u d-Dipartiment ta' l-Artijiet biex niżguraw li l-art pubblika tiġi mħarsa minn żvilupp illegali.

Il-pożizzjoni u l-indipendenza ta' l-Awditur tal-MEPA hija l-qofol għal regolamentazzjoni tajba ta' l-Awtorità. Il-pożizzjoni ġdida ta' l-Awditur fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman tista' sservi ta' kompromess prattiku iżda l-qagħda trid tinżamm taħt l-għajnejn biex niżguraw li l-Awditur ikun kapaċi jaqdi dmiru b'mod effiċjenti u effettiv.

### L-Awtorità ta' Malta għar-Riżorsi (122-136)

Il-MRA hija responsabbli għal żewġ oqsma kruċjali ta' regolamentazzjoni tar-riżorsi naturali ta' Malta: l-ilma u l-qtugħ tal-ġebel mill-barrieri.

L-ilma huwa riżors ta' importanza strateġika, soċjali u ekonomika. Madankollu l-ħażna ta' l-ilma dejjem tonqos billi jtellgħu l-ilma illegalment – ħażna fil-*water table* li tkompli tiċkien minħabba s-sħana globali – qed nissugraw li l-*aquifer* fil-livell tal-baħar jintilef għal dejjem.

Għaldaqstant **hu rakkomandat** li nimponu regoli aktar iebsa fuq dan ir-riżors vitali.

Għandna nħejju *water policy* nazzjonali.

Il-proposta biex inħaffru xibka ta' mini mifruxa taħt Malta kollha biex jinqabad u jinħażen l-ilma tax-xita għandha

tiġi kunsidrata malajr. Sakemm dan jitwettaq ikun diffiċli nimponu kontroll aktar iebes fuq it-tlugħ ta' l-ilma minn taħt l-art, għax dan isir l-aktar mill-bdiewa li ma jistgħux ikabbru l-prodotti mingħajr aċċess għall-ispieri.

Hemm bżonn ta' *policy* għaqlija biex innaqqsu d-domanda u ninkoraġġixxu l-konservazzjoni ta' l-ilma.

Il-prezz ta' l-ilma li bħalissa hu sussidjat bil-qawwi mill-gvern għandu jiżdied bil-mod – filwaqt li wieħed jikkunsidra l-impatt soċjali – biex id-domanda għall-ilma tkun maniġġata b'aktar għaqal.

L-ispieri kollha jridu jiġu reġistrati u liċenzjati b'tariffa għall-użu tagħhom.

Il-MEPA trid iddaħħal kundizzjoni obbligatorja għall-permessi ta' żvilupp ġodda biex kull bini ġdid ikollu bir biex jilqa' u jaħżen l-ilma tax-xita minn fuq il-bejt.

L-industrija tal-barrieri għandha tiċċekken fid-daqs u tkun regolamentata aħjar.

Għaldaqstant **hu rakkomandat** li:

L-industrija tal-barrieri kollha taqa' taħt awtorità regolatorja li għandha tkun l-MRA biex tkopri kemm il-kontroll u l-operat.

Nistabbilixxu limitu ta' kemm jista' jinqata' ġebel mill-barrieri kull sena biex nippreservaw dak li għandna u nikkontrollaw ir-rata ta' bini.

Id-daqs tal-ġebel tal-franka għandu jiċkien. Il-prezz tal-ġebel irid jieħu kunsiderazzjoni tal-valur ekonomiku veru tal-ġebla.

Għandna ninkoraġġixxu r-riċiklar tal-ġebel qadim.

Irridu nistħarrġu l-importazzjoni ta' ġebel tal-qawwi minn barra.

## L-Awtorità għat-Trasport (ADT) (137-139)

Ir-responsabbiltà għas-superviżjoni u kontroll tad-duħħan li joħroġ mill-karrozzi jrid jgħaddi għal għand il-MEPA. Iżda l-ADT trid tibqa' responsabbli biex jonqsu radikalment l-effetti tal-ħruġ ta' duħħan mill-karrozzi. Issa hemm l-urġenza li nieħdu azzjoni b'għadd ta' miżuri.

Għalhekk **hu rakkomandat** li l-miżuri msemmija f'paragrafu 114 jiġu implimentati**.**

## Il-Kunsilli Lokali (140-157)

Billi l-Kunsilli Lokali huma esklusivament involuti f'affarijiet ambjentali, nilqgħu tajjeb il-fatt li l-Kunsilli issa jagħmlu parti mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Iżda kollu għalxejn li tagħti awtorità għall-kontroll fuq l-indafa, skart, ħruġ ta' duħħan u ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent jekk ma jkollhomx ir-riżorsi umani u finanzjarji u aċċess għall-mezzi ta' implimentazzjoni.

Għalhekk **hu rakkomandat** li:

Il-Kunsilli Lokali għandu jkollhom riżorsi biżżejjed, flimkien mar-responsabbiltà biex jiżguraw l-indafa fil-lokalità tagħhom;

L-arranġament għal sħubija bejn il-gvern u l-privat li serva b'suċċess ta' mudell għall-*Environmental Landscapes Consortium* għandu jservi ta' bażi għall-ħolqien ta' *Clean Environment Consortium* b'responsabbiltà għas-servizzi ta' tindif b'kuntratt lill-Kunsilli Lokali bl-istess mod u kundizzjonijiet simili għal dawk ta' l-ELC

L-istruttura tal-Kunsilli Lokali mqassma f'disa' reġjuni għandha sservi ta' mudell għall-organizzazzjoni u maniġġar tal-*Clean Environment Consortium*.

**Infurzar, edukazzjoni u nkuraġġiment ta' prattiċi tajba (158-182)**

Fil-qasam ta' l-ambjent il-ksur tal-liġi hu endemiku. Dan hu l-aktar punt dgħajjef ta' l-ambjent Malti.

Biex l-infurzar ikun effettiv hemm bżonn tlett ingredjenti. L-ewwel tinħtieġ ir-rieda politika li jitwettaq. It-tieni irid ikun hemm numru biżżejjed ta' uffiċjali ta' l-infurzar li jlaħħqu max-xogħol. It-tielet, il-qrati jridu jiżguraw li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tirrifletti s-serjetà li biha s-soċjetà tħares lejn l-offiżi kontra l-ambjent.

Jekk l-infurzar u l-applikazzjoni tal-ħarsien tal-liġi ma jkunux fiċ-ċentru ta' l-ambjent, id-*deficit* ambjentali jibqa' jikber.

Għalhekk **hu rakkomandat** li:

Inwaqqfu "Aġenzija għall-Infurzar ta' l-Ambjent" waħda li tgħaqqad taħt kap wieħed l-għadd sparpaljat ta' aġenziji żgħar.

L-infurzar jiġi mogħti b'kuntratt lil *Green Wardens* fis-settur privat bl-istess mod li l-*wardens* lokali jittrattaw l-offiżi tat-traffiku u pparkjar.

L-ALE għandha wkoll tibqa' responsabbli għal għadd ta' offiżi u ksur tal-liġijiet ambjentali u tifforma parti ċentrali mill-*enforcement agency*. Iżda biex tkun effettiva l-ALE trid iżżid l-uffiċjali tal-Pulizija minn 21 għal 36;

Il-kap ta' l-Aġenzija għall-Infurzar ta' l-Ambjent ikun liberu li jħaddem ir-riżorsi bl-aħjar mod skond il-prijoritajiet stabbiliti mill-gvern.

Ir-responsabbiltà ta' l-ALE lejn il-Kap ta' l-Aġenzija għall-Infurzar Ambjentali tiġi stabbilita b'mod ċar mingħajr ma tiddgħajjef il-kontabilità lejn il-Kummissarju tal-Pulizija;

In-nuqqas li jeżisti biex ma jinġabrux il-multi għal min iħammeġ u jarmi l-iskart bl-addoċċ irid jiġi rimedjat. Dan jista' jseħħ b'sistema li torbot il-ħlas tal-multi ma' servizzi tal-gvern, kif diġà jsir fil-każ ta' multi tat-traffiku.

Il-Kap ta' l-Aġenzija għall-Infurzar Ambjentali jrid jagħmel rapport annwali lill-Kumitat Parlamentari għall-Ippjanar ta' l-Iżvilupp biex il-Parlament ikun jista' jivverifika kemm is-sistema hija effettiva.

Flimkien ma' infurzar aktar strett, għandna ndaħħlu kampanja kontinwa ta' edukazzjoni pubblika fl-iskejjel u permezz ta' informazzjoni fuq il-mezzi tax-xandir bil-għan li nsiru konxji ta' l-ambjent u l-ħtieġa li nħarsuh.

It-tielet pilastru tal-proċess ta' kontroll biex insiru aktar konxji ta' l-ambjent u nikkoperaw huwa li ninkoraġġixxu t-trawwim ta' drawwiet u prattiċi tajba bl-użu tal-karrotta fiskali u l-bastun.

Hemm bżonn ta' pjan maħsub li jgħaqqad flimkien l-awtoritajiet regolatorji kif ukoll dipartimenti tal-gvern, l-industrija privata, in-negozjanti kummerċjali u s-soċjetà ċivili – il-konsumatur – li jinkoraġġixxi bidla fl-istil ta' ħajja ambjentali b'inċentivi ekonomiċi kif ukoll skemi volontarji li jimmiraw u jinfluwenzaw l-imġieba tal-konsumatur.

**Hu rakkomandat** li l-firxa ta' possibilitajiet msemmija f'paragrafi 177 sa 182 fir-rapport jiġu implimentati. Ta' l-anqas, il-miżuri speċifiċi f'paragrafu 182 iridu jidħlu fis-seħħ mill-aktar fis.

**Il-bidla fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli (183-195)**

Fi żmien għoxrin sena ser ikollna naġġustaw il-mod ta' kif ngħixu għat-theddid ta' bidla fil-klima u sħana globali.

Is-sħana globali tolqot lil Malta b'diversi modi, partikularment f'oqsma kruċjali: il-provvista ta' l-ilma u s-sigurtà ta' enerġija.

Irridu nibdlu għal ekonomija li tuża ftit *carbon*. Dan nistgħu nwettquh b'effiċjenza akbar fl-użu ta' l-enerġija, bil-konservazzjoni u diversifikazzjoni ta' forom u għejjun ta' enerġija. Irridu nistħarrġu l-għażliet kollha biex nibdlu l-impjant ta' l-elettriku li jaħdem b'żejt kombustibbli bil-għan li nsibu l-aktar soluzzjoni tajba u li nistgħu norbtu fuqha għal tul ta' żmien.

Kif intqal qabel, irridu nieħdu passi li nħarsu l-ilma u nsalvaw l-*aquifer* fil-livell tal-baħar milli jinqered. Il-problema ssir aktar gravi bis-sħana globali.

**Strateġija Nazzjonali għal Żvilupp Sostenibbli (190-195)**

Sabiex nittrattaw dawn is-suġġetti kbar b'mod komprensiv u li jħaddan kollox, huwa vitali li naddottaw Strateġija Nazzjonali għal Żvilupp Sostenibbli li jgħaqqad flimkien fatturi ekonomiċi, soċjali u ambjentali fi pjan ta' azzjoni wieħed.

Dan il-pjan jeżisti diġà. Hemm bżonn li naġġornawh u nimplimentawh sew.

Irridu npoġġu l-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli fiċ-ċentru ta' l-amministrazzjoni – fid-deċiżjonijiet u l-*policies* u fil-mod ta' kif jaħdem il-gvern.

Hemm bżonn urġenti għal *team* ta' persuni *full-time* taħt it-tmexxija ta' "Kummissarju għall-Iżvilupp Sostenibbli ta' Malta" li jitwaqqaf fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u jirrapporta lilu direttament, li jirrevedi l-pjan, jimplimentah, isegwih u jevalwa l-effetti tiegħu.

L-isfidi ta' l-iżvilupp sostenibbli quddiem il-problemi kbar kaġunati mill-bidla fil-klima u s-sħana globali huma tali li jinħtieġu tmexxija politika b'saħħitha u mpenn minn kull faxxa tas-soċjetà ċivili.

TPPI

THE TODAY PUBLIC POLICY INSTITUTE

# ID-DEFICIT AMBJENTALI: RIFORMA TAL-MEPA U TA' AWTORITAJIET REGOLATORJI OĦRA DWAR L-AMBJENT

RAPPORT FIL-QOSOR